TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 182/14-F

**Michael Barber**

**vs**

**Lilywhite Laundry & Dry Cleaning**

Illum 22 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 t'Awwissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mitejn u ħamsa u tletin ewro (€235), rappreżentanti l-prezz ta' *suit* ta' Cerruti li kienet inxtorbot wara li sar il-proċess ta' *dry cleaning*.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa *suit* ta' Cerruti għal *dry cleaning* u meta ħadha lura sab li kienet inxtorbot.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet verbalment għaliex ma kinitx ippreżentat risposta bil-miktub, illi s-*suit* ma kinitx ġdida u li l-proċess sar skond is-sengħa u l-arti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra s-*suit*, jinnota li s-*suit* verament kienet inxtorbot.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u disgħin ewro (€190), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888